**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 265/22 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 2177/2017)

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (14.7.2017) (Dok A - certifikat taz-zwieg anness numru 1366/2017) u minn dan iz-zwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Elena Farrugia tad-disgha ta' Ottubru 2020 (9.10.2020) (Ara Dok B anness.)

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra kull parti fformata rabta ma' persuna ohra.

4. Illi l-partijiet ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin (para 4 tal-istess kuntratt).

5. Llli l-intimata wara s-separazzjoni rrivertiet ghal kunjomha xebba cioe ’E'.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieg li gie ċċelebrat fl-14 ta' Lulju 2017 bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Gunju, 2022;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Ottubru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.